MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 428/2005

**Attard & Co (ImageExcel) Limited C30069**

**Vs**

**Dram Company Limited C29773**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf, sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,644.95) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u supplita mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta (kopja Dok. A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan l-avviz u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol 11 tal-atti u li biha cediet it-talba attrici stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm fuq i-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-22 ta' Marzu 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta' din il-kawza, tikkundana lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjes kollha in rigward dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-25 ta' Lulju 2005, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------